Verzjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,734, 12 ta' Novembru, 2021
Taqsima B

A.L. 434 tal-2021

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2021 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Psychological Studies – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilha skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2021 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Psychological Studies – M.Sc. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Psychological Studies – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, ippubblikati bħala Avviż Legali 397 tal-2018, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew minn Ottubru 2021 jew wara.

L-Emenda għall-ordinamenti 10 u 11 tal-ordinamenti prinċipali

3. Il-paragrafi (1) u (2) tal-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu mħassra.

4. Il-paragrafu (3) tal-ordinament 11 għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (4) tal-ordinament 10.

5. Il-paragrafu (4) tal-ordinament 11 għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (5) tal-ordinament 10 u minfloku għandu jidħol dan li ġej:

"(5) Fl-aħħar ta' kull semestru ta' studji s-superviżuri huma meħtieġa li jagħtu lill-Bord tal-Istudji rapporti dwar l-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom. L-istudenti għandhom jitolbu l-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji, permezz tas-superviżur tagħhom, għal xi tibdil sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni."

6. Il-paragrafu (5) tal-ordinament 11 għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (6) tal-ordinament 10 u minfloku għandu jidħol dan li ġej:

"(6) L-istudenti huma meħtieġa li jkollhom kuntatt regolari mas-superviżuri tagħhom, li għandhom jissottomettu rapporti dwar il-progress ġenerali ta' kull student taħt is-superviżżjoni tagħhom lill-Bord tal-Istudji fl-aħħar ta' kull semestru ta' studji. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skond (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu."

In-numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinament 12 tal-ordinamenti prinċipali

7. L-ordinament 12 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-ordinament 11.